MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2008

Talba Numru. 157/2007

**PUBLIC BROADCASTING SERVICES LIMITED**

**Vs**

**CLIFTON BARBARA EZERCENTI L-KUMMERC BL-ISEM TA` NRG PROMOTIONS**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta` Frar, 2007, in forza ta` liema intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat jhallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` Lm180.00, rapprezentanti bilanc fuq dritt dovut ghal servizzi lilu rezi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali datata 22 ta` Mejju, 2006 u bl-interessi sa l-pagament effettiv kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut gie notifikat legalment b`dawn il-proceduri u ghalkemm gie moghti l-opportunita` biex jipprezenta l-

provi tieghu, huwa ma pprezenta ebda risposta formali, in kontestazzjoni ghat-talba attrici u wisq anqas ressaq xi provi in kontestazzjoni ghal dak illi qed jigi ntavolat fil-konfront tieghu.

Sema` x-xhieda ta` l-Avukat Dr. Veronica Aquilina li bil-gurament taghha kkonfermat li l-ammont mitlub f`dina l-kawza, kien ghadu dovut sa l-gurnata ta` llum mill-konvenut Clifton Barbara.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz, billi jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lil konvenut ihallas lill-istess socjeta` attrici s-somma ta` €419.29 (Euros) gia` Lm180.00, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta` din is-sentenza u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------